MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Numru. 1141/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**
**[Spettur Anthony Agius]**

**vs**

**Ronald Azzopardi**
**-omissis-**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ronald Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 565187(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli gewwa Rahal Gdid f'xi zmien matul ix-xhar ta' Mejju 2011 u fix-xhur ta' qabel, ikkommetta serq ta' diversi ornamenti minn 'il fuq minn mitt qabar li jinsabu gewwa c-cimiterju tal-Addolorata, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 2,329.37 Ewro, u dan ghad-dannu ta' diversi persuni;

Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioè hsara f'diversi oqbra u affarijiet ohra gewwa c-cimiterju tal-Addolorata, liema hsara taccedi 116.47 Ewro u dan sar ghad-dannu ta' diversi persuni;
Talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi imsemmija hawn fuq dahal fic-cimiterju tal-Addolorata minghajr il-permess tal-persuna jew persuni inkarigati minn dawn ic-cimiterji;

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel vjolazzjoni ta' oqbra, jew ta' postijiet ta' dfin, maghrufin bhala hekk minn kulhadd ai termini tal-Artikolu 162 tal-Kap. 9; u

Talli fl-istess perjodu, u cirkostanzi permezz bi kliem, b'gesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikazzjoni r-Religjon Kattolika Appostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkomparata jew ddeterminata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon taht l-Artikolu 163 tal-Kap. 9.

Talli f'xi zmien matul ix-xahar ta' April 2011 ikkommetta serq ta' diversi ornamenti minn diversi oqbra li jinsabu gewwa c-cimiterju tal-Gudja, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 232.94 Ewro, u dan ghad-dannu ta' diversi persuni;

Talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioè hsara f'diversi oqbra gewwa c-cimiterju tal-Gudja liema hsara taccedi 116.47 Ewro u dan sar ghad-dannu ta' diversi persuni;

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi imsemmija hawn fuq dahal fic-cimiterju tal-Gudja minghajr il-permess tal-persuna jew persuni nkarigati minn dawn ic-cimiterji;

-omissis-

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li l-akkuzi gew ikkoreguti b'verbal datat 4 ta' Lulju 2011, l-imputat u omissis zammew ferm ma' din id-dikjarazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda tal-Probation Officer tal-imputat Ronald Azzopardi Ivan Sultana;

Rat illi l-istess imputat Ronald Azzopardi irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha hlief ghal dawk l-akkuzi mizjuda b'digriet tal-4 ta' Lulju 2011 u rega' kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhhu.

Rat illi l-imputat Ronald Azzopardi dejjem wera dispozizzjoni serja lejn il-Probation Officer Ivan Sultana u anke' rigward ir-rijabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga u anke' a rigward l-integrazzjoni tieghu fis-socjeta`. (Dok IS1 a fol 66 tal-process)

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubju illi l-imputat ghandu jew ghall-inqas kellu dipendenza kbira fuq id-droga li din kienet qeghda ggaghlu ifittex it-triq tas-serq. Tul il-process kollu, il-Qorti setghet tinnota predispozizzjoni kbira ta' riforma min-naha tieghu hekk kif qal anke l-probation officer fir-rapport tieghu u fix-xhieda, predizpozizzjoni, li din il-Qorti hi konvinta li ma kienitx motivata mill-fatt li kien ghaddej dawn il-proceduri kriminali biex forsi jahrab minn piena karcerarja, izda minn predispozizzjoni serja li jrid ibiddel hajjtu. Illi dan kollu certament ser tirrifletti il-piena li ser tigi inflitta lilu fl-ahhar ta' din id-decizjoni.

Illi l-imputat, stante li ammetta l-akkuzi kollha hlief dawk taht l-Artikoli 162 u 163 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sejra tidhol biss fuq jekk dawn l-akkuzi jirrizultawx o meno.

Illi l-Artikolu 162 jitkellem fuq vjolazzjoni ta’ oqbra jew ta’ postijiet ta’ dfin mentri l-Artikolu sussegwenti jirreferi ghat-tkasbir b’i mezzi lir-religjon Kattolika Romana.

Illi a rigward it-tieni akkuzi hija evidenti li l-motivazzjoni tal-imputat ma kienitx li tkasbar is-sentiment religjuz izda l-motivazzjoni tieghu kienet li jisraq oggett minn fuq oqbra partikolari li jistghu jirrendulu ftit flus sabiex ikun jista’ jixtri d-droga. Hareg ampjament car ghalhekk li din l-akkuza taht l-Artikolu 163 ma gietx ippruvata.

Fil-fatt, fid-decizjoni tal-Imhallef Harding fl-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v. Rokku Abdilla et. (App Inf. 13/01/1962)** inghad hekk:

***“Il-Ligi Kriminali, fid-dispozizzjoni li tikkontempla r-reat ta’ vilipendju lir-Religjon Kattolika Appostolika Rumana u dak ta’ min joffendi dik ir-religjon billi jivvilifika “inter alia” il-Ministri taghha, ghandha titqies illi tirrikjedi ghall-integrazzjoni tar-reat, anke’ ta’ dak kontemplat fit-tieni lok, l-intenzjoni specifika fl-imputat li joffendi r-religjon. Ghaldaqstant, jekk is-sentenza tal-Magistrat tkun enuncjat f’dan is-sens l-ipotesi tal-ligi, dik l-enuncjazzjoni legali hi korretta; u jekk il-Magistrat, in bazi ghal dik l-enuncjazzjoni ikun irretjena li mill-fatti ma jirrizultax li l-imputat kellu dik l-intenzjoni specifika, is-sentenza mhix appellabbli mill-Attorney General, ghax l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Magistrat mhix sindakabbli mill-Qorti tal-Appell u l-kwistjoni legali giet enuncjata korrettement”.***

Illi a rigward tal-akkuza taht l-Artikolu 162 tal-Kap 9 hemm certu ambigwita` ghalxhiex qed jirreferi dan l-Artikolu peress illi jitkellem fuq vjolazzjoni ta’ oqbra. Illi l-Kodici penali Taljan li minnha jidher li gie mehud dan l-Artikolu, ghandu zewg artikoli fuq din il-materja. Wiehed jitkellem fuq vjolazzjoni ta’ oqbra bhal fil-kaz in ezami u l-iehor

jitkellem dwar vilipendju ta’ oqbra u l-ornamenti taghhom. Illi jidher car li kieku dan l-artikolu tal-ahhar gie riprodott fil-ligi taghhna, kien japplika perfettament ghal kaz in kwistjoni, izda ghal xi raguni l-legislatur taghhna kien iddecieda li ma jdahhalx dan il-kuncett taht dan it-Titolu.

Illi l-Codice Penali Annotato Taljan meta jitkellem fuq l-Artikolu dwar il-vjolazzjoni ta’ oqbra (Art. 407 tal-Kodici Penali Taljan) jghid hekk:

***“(1) Cfr. Per la disciplina delle esumazioni ed estumulazioni art. 82-89. D.P.R., 10-9-1990, n. 285 nonche’ art. 3, l.30-3-2001, n. 130 (Disposizioni in materia di cremazione e dispersion delle ceneri).***

***(2) La condotta incriminate consiste nel violare, cioe’ nel compiere un qualsiasi comportamento che cagioni un’alterazione della tomba, del sepolcro o dell’urna (disseppellimento, scoperchiatura, rottura della lastra etc.)***

Illi ghaldaqstant dak li ried jipprotegi l-legislatur hu li ma jintmessx il-kadavru li hemm gol-qabar jew ghall inqas li jkun hemm xi alterazzjoni fl-istess qabar billi per ezempju jinfetah u ghalhekk tkun qed tigi vvjolata is-sagrilita` tal-gisem midfun.

Per ezempju kaz iehor li jista’ jaqa’ taht dan l-Artikolu, jkompli jghid il-Kodice Penale Annotato Taljan hu:

***“Nel caso del custode di un cimitero che abbia esumato da un posto distinto i resti di un cadaver tumulato da lungo tempo e li abbia trasferiti nell’ossiario commune, il giudice deve, alla stregua delle norme del regolamento di polizia mortuaria sulla esumazione e sulla estumulazioni, accertare se al custode fosse imposto di procedure senza l’assenso dei parenti del defunto (Cass. Pen., 29.3.57, GP, 1957, II, 922)”.***

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 278(1), 325(b), 162 u 163 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 18(2)

tal-Kap 18 tal-Ordinanza dwar ic-Cimiterju tal-Addolorata qed issib lill-imputat Ronald Azzopardi hati tal-akkuzi kollha hlief dawk taht l-Artikoli 162 u 163 tal-Kap 9 stante li dawn ma jirrizultawx u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u b'ordni ta' supervizjoni illi tul dan iz-zmien, il-Probation Officer hekk assenjat lilu ghandu jassigura li l-imputat johrog kompletament mill-vizzju tad-droga kif ukoll jintegra ruhhu fis-socjeta`.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja ta' Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------